MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
LAURENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2008

Numru 410/2000

**Il-Pulizija
(Spettur Curmi)**

**versus**

**Peter Paul Vella**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Peter Paul Vella ta' 51 sena bin Francis u Rachela nee' Xuereb imwieled il-Hamrun fit-22 ta' Mejju 1949 u residenti Flat 1, Block 1, Entrance B, Triq Hal-Farruġ, Housing Estate Luqa. Detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 454349 (M).

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer bejn Mejju 1999 u Settemrbu 1999 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin fi

żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżulozzjoni waħda

a. b'mezzi kontra l-Liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistena ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ ta' Lm483.42, liema ammont huwa iktar minn ħamsin lira iżda inqas minn ħames mitt lira, billi ppreżenta cekkijiet tal-Bank of Valletta lil diversi persuni għad-detriment tal-Bank of Valletta, A Carabott, J Hili, Wembley Stores, Albert Gauci, Mosons Co Ltd, G Azzopardi, Frank Zampa, Price Club, R Busuttil, Dione Grech, RLR Limited u persuni oħra, u dan bi ksur ta' l-artikoli 308, 309 u 310(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
b. U iktar talli sar ricediv fit-termini ta' l-Artikolu 50 tal-Kodici Kriminali b'sentenzi tal-Qorti datati 12 ta' Ġunju 1989, 30 ta' Lulju 1990, 26 ta' Awissu 1993, 23 ta' Mejju 1994 u 12 ta' Novembru 1998
c. Ukoll talli kiser il-provedimenti ta' l-Artikolu 9 tal-Kap 152 fuq sentenzi tal-Qrati tat-30 ta' Lulju 1990 u 23 ta' Mejju 1994.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż id-dikjarazzjoni ta' l-imputat li mhux ħati a fol 6; il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali biex dawn il-proċeduri jkunu sommarji (fol 20); il-kunsens ta' l-imputat biex dawn il-proċeduri jkunu sommarji; iċ-ċertifikat tat-twelid bin-numru 4543 tas-sena 1949 ta' l-imputat; il-fedina penali tiegħu minn fol 14 sa fol 18; l-istqarrija magħmula mill-imputat fit-3 ta' Novembru 1999 a fol 21 sa 23; l-ittra mibgħuta minn Carmel Farrugia, Security Officer mill-Bank of Valletta lill-Ispettur Kevin Ellul Bonici dwar l-imputat illi kien ħareġ 8 ċekkijiet dak iż-żmien bit-total ta' Lm331.42 li kienu rritornati 'refer to drawer' għax ma kienx hemm fondi suffiċjenti; dokument esebit a fol 38 mmarkat Dok BOV1 u jibqa' sejjer sa fol 43; dokument BOV2 li fiha l-imputat intalab imur għand il-Bank of Valletta; il-fotokopji taċ-ċekkijiet kif

jidhru a fol 55 sa 74; il-verbal magħmula fis-6 ta' Gunju 2007 a fol 115 li fih:

(a) Il-prosekuzzjoni u d-difiża qablu li ma kienx hemm għalfejn jerġgħu jinstemgħu xhieda li kienu diġa' instemgħu quddiem din il-Qorti diversament preseduta
(b) Il-Maġistrat ddikjara li kien qed jiffirma a fol 6 li bi żvista ma kienx ġie ffirmat;
(c) L-esenzjoni mid-difiza lill-prosekuzzjoni milli ttella' x-xhieda tagħha.

L-Economic Crimes Unit rċeviet rapport dwar l-imputat li kien ħareġ diversi ċekkijiet lil diversi ħwienet li wara rriżulta li ma kienx hemm flus biżżejjed fl-akkont. Huwa kien iħallas permezz ta' cheque book f'ismu iżda li ma kienx hemm flus biżżejjed biex ikopruh.

<u>L-istqarrija ta' l-imputat – 3 ta' Novembru 1999</u>

L-imputat qal illi hu ma kienx jaf jaqra iżda n-numri jaf jaqrahom u jaf jiffirma. Intwera diversi ċekkijiet fosthom wieħed tal-BOV bid-data 17.06.1999 bis-somma ta' Lm24 maħruġ lil Wembley u l-imputat wieġeb li kien ħarġu hu. Malli ħareġ iċ-ċekk ngħatawlu s-sigaretti. Semma wkoll li kien ħareġ iċ-ċekk numru 50 fit-8 ta' Ġunju 1999 fl-ammont ta' Lm45 u maħruġ lil Inka. Iċ-ċekk numru 53 maħruġ fit-13 ta' Ġunju 1999 għall-prezz ta' LM49.43 lil Price Club, l-imputat qal li hu ma jiftakarx li kien ħareġ ċekk lil Price Club imma lil Savemart u kien ħallas bih. Probabbli dan kien l-istess ċekk.

Ċekk numru 54 datat 22.06.1999 għall-ammont ta' Lm73 kien ħarġu l-imputat nnifsu, għalkemm kitbu sid il-ħanut bil-kunsens tiegħu u xtara bih ċurkett tad-deheb. Ċekk numru 55 għall-ammont ta' Lm40 maħruġ lil George Grech, l-imputat kkonferma li ċ-ċekk kien kitbu sid il-ħanut bil-kunsens tiegħu. Ċekk BOV 57 datat 03.09.1999 għall-ammont ta' LM60 maħruġ lil RLR Limited. L-imputat kkonferma li kien ħareġ bil-kunsens tiegħu, dan kien parti mill-ħlas għal mutur tal-baħar li huwa kien ħallas dak inhar li kien mar biex ħa l-mutur. Huwa kien ħallas LM40 flus kontanti u l-kumplament b'dan iċ-ċekk. L-għada kien

qallu li ma fadalx flus il-bank iżda RLR kien laħaq daħħlu. Intwera żewġ ċekkijiet oħra, numri 58 u 59 tal-BOV maħruġin lil George Grech. L-imputat kkonferma li ħariġhom hu. Intwera iċ-ċekk numru 52 datat 19.06.1999 maħruġ lil Frank Zampa għal Lm64. L-imputat qal illi kien ħarġu hu pero kien ċempel lil tal-ħanut li ċ-ċekkijiet ma ssarfux u kien qallu biex ma jmurx il-bank isarrfu. Mistoqsi jekk kienx jaf jekk meta kiteb iċ-ċekkijiet kienx hemm fondi, l-imputat qal kien għadu ma jafx iżda b'tal mutur tal-baħar sar jaf. Huwa qal li ġieli ħareġ ċekk ta' LM300 u ma kellux fl-akkont u l-bank xorta sarrfu għalkemm kien qed jabbuża. Huwa kkonferma li ċ-ċekkijiet huma kollha tiegħu bħala ċekkijiet pero' ma mliehomx hu. Hu kien dejjem jiċċekkja li l-ammont jaqbel ma dak li jkun ftiehem.

Xehed Carmelo Farrugia impjegat mal-Bank of Valletta bħala security officer li kkonferma li kienu huma li kitbu lill-Economic Crimes Unit biex jirrapurtaw li Peter Paul Vella kien qed joħroġ iċ-ċekkijiet mingħajr ma kellu funds fil-kont tiegħu.

Xehed ukoll Mario Mifsud, impjegat mal-Bank of Valletta li qal li Peter Paul Vella kien fetaħ il-kont fid-29 ta' Mejju 1998 u seta' jiġbed biss flus skond kemm ikollu fil-kont. Kienu ġew ritornati ċekkijiet li kienu jitilgħu għal iktar minn LM742.77 minħabba illi l-klient ma kellux fondi biżżejjed. Huma kienu bagħtu xi ittri lill-imputat biex jirregolarizza ruħu iżda dan milli jidher qatt ma waslu għandu. Dan ix-xhud kkonferma li l-firma kienet ta' l-imputat.

Xehed is-Sur Mario Mifsud fit-3 ta' Mejju 2001 a fol 54 illi qal li l-imputat kien fetaħ kont fit-30 ta' Gunju 1998, li għall-ewwel ħareġ ċekkijiet skond kemm kellu flus depositati fil-banki. Iċ-ċekkijiet pero li ħarġu wara l-10 ta' Mejju 1999 ma kienux onorati minħabba li ma kienx hemm flus tal-klient fil-bank. L-ammonti kienu ivarjaw u skond dan ix-xhud l-ammont kien jitla' ghal Lm742. Kienu bghatu ittri lill-imputat biex imur ikellimhom fil-bank izda ma kienx mar hemm hekk. Is-savings imbgħad kien ingħalaq. Mid-dokument ppreżentat a fol 43 jidher li l-ahhar dħul kien ta' Lm50 illi sar fl-10 ta' Mejju 1999 u kien

ħalla bilanċ ta' Lm55.34. Immedjatament wara pero inħareġ ħlas ta' Lm50 u dan ħalla LM5.34 fil-bank biss.

Xehed John Debono residenti l-Gzira li qal li hu għandu ħanut żghir. Kien mar bniedem u xtara sigaretti u tah ċekk ta' LM25 u dan kien ħallas b'dan iċ-ċekk. L-imputat kien xtara sigaretti. Tal-hanut kien hallas bih lil tal-ħelu u tal-ħelu ħallas minn fejn jixtri u reġgħu bagħtuh lura minn fejn jixtri. Huwa qal li l-imputat ma kienx bniedem li jixtri mingħandu s-soltu. Iċ-ċekk kien kitbu tal-hanut għax l-imputat ma jafx jikteb. Iċ-ċ kien imlieh tal-ħanut iżda l-firma kienet ta' l-imputat.

Fit-30 ta' Jannar 2002 kien xehed Mario Mifsud, rappreżentant tal-Bank of Valletta li kien pprezenta diversi fotokopji ta' ċekkijiet illi kienu inħargu u mhux onorati. Meta ppreżenta ċ-ċekkijiet, huwa ma kellux flus fil-kont.

Fis-17 ta' Aprill 2002 xehed John Camilleri li kellu hanut tal-ħwejjeġ fix-Xatt ta Ta Sliema jismu Inka. Kien Ġunju 1999 u l-imputat li gharaf fl-awla dahal ma mara u daħlu jixtru xi ħwejjeġ u xi aċċessorji bħal imsielet u affarijiet hekk. Kienu ħallsu b'ċekk u għall-aċċessorji kienu ħallsu bi flus. Iċ-ċekk kien ta' Lm75 u kienet qed tigi esebita fotokopja tiegħu. Il-fotokopja kien għamilha sid il-ħanut stess. Iċ-ċekk kien gie lura u fil-fatt kien ċempel in-numru tat-telefon li kien hemm fuq in-naħa ta' wara taċ-ċekk u kienet rrispondiet persuna oħra u mhux l-imputat. Dan ix-xhud kien ha l-oriġinal fl-għassa tal-pulizija.

Fis-26 ta' April 2006 xehed Frank Zampa fejn qal li l-imputat kien xtara curkett u għamillu ċekk. Hadu l-bank u l-bank bagħat jgħidlu li dan iċ-ċekk kien misruq u kellu jieħdu d-depot tal-pulizija u għamel hekk. Ic-cekk qatt ma ssarraf u kien jammonta għal madwar LM67. Iċ-ċurkett kien għadu ma ngħatax lura lil Frank Zampa.

Xehed ukoll Dione Grech li kien grocer. Huwa qal li lill-imputat ma jafux iżda kien gie l-ħanut. Dan kien xtara xi luminati u ilma. Kien ħallas b'ċekk bin-numru 55 u jidher a fol 72. Hu baqa' ma tħallasx ta' dawn l-affarijiet.

Illi mill-provi jirriżulta ampjament li l-imputat ħareġ idversi ċekkijiet li ma kinux jistgħu jassarrfu mill-Bank of Valletta u dan wara li hu kien waqaf jagħmel depożiti ta' flus biex jagħmlu tajjeb għall-ħlasijiet li kien qed jagħmel. Fl-istqarrija tiegħu l-imputat ammetta li ċ-ċekkijiet li ma kinux onorati kien ħariġhom hu u li għalihom kien akkwista oġġetti permezz ta' kuntratti ta' xiri ta' diversi ħwejjeġ. Huwa qal li ġieli kien ħareġ xi ċekkijiet meta ma kienx hemm biżżejjed fondi fil-kont u l-Bank of Valletta kien jonorhom xorta.

Il-Qorti fliet l-Istatement of Account f'isem l-imputat bir-reqqa u waqt li f'xi waqtiet kien hemm movimenti ta' dħul u ħruġ fi żminijiet relattivament qosra, jidher li wara l-10 ta' Mejju 1999 fejn jidher dħul ta' Lm50, depożiti ma baqgħux isiru.

Għalhekk l-imputat seta' faċilment induna li kien jixtri oġġetti b'ċekkijiet li min isarrafhom ma kienx sejjer isib fondi biżżejjed sabiex jitħallas. Dwar l-użu ta' ċekkijiet li għalihom ma jkunx hemm fondi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) ikkummentat hekk:

***'Fil-Liġi tagħna, element essenzjali għall-ksotituzzjoni ta' truffa hija l-mise en scene, cjoe' dawk l-artifizi jew raġġiri idonei li jinduċu u li effettivament ikunu induċew lill-vittma fi żball – l-ingann – u li b'konsegwenza ta' dak l-iżball il-vittma taħgmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa li ġġibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qligħ għall-aġent.***

***Il-liġi tagħna ma tirkkijedix li l-messa in xena, cjoe' li dawn l-artifizi jew raġġiri jkunu xi aħġa ikkumplikata jew arkitetta b'ħafna pjanijiet; in fatti l-liġi stess tindika l-forom li dawn l-artifizji jw raġġiri jsitgħu jieħdu. Fost dawn hemm is-sitwazzjoni ta' meta persuna b'kwalsiasi forma ta' qerq, ingann jew simulazzjoni tagħti x'tifhem li għandha flus meta m'għandiex. Meta wieħed joħroġ ċekk meta ma jkunx jaf jew messu raġonevolment kien jaf li ma hemmx***

***fondi fil-kont in kwistjoni sabiex dan iċ-ċekk jista' jiġi onorat, ikun qed jinganna jew jipprova jinganna b'waħda mill-forom ikkontemplati fil-Liġi tagħna.***

***Element essenzjali tat-truffa huwa t-telf patrimonjali li jġarrab il-vittma bil-konsegwenti qligħ għall-aġent, liema telf u qligħ ikunu r-riżultat ta' xi ħaġa li tagħmel jew tonqos milli tagħmel il-vittma għax tkun ġiet ingannata. In fatti t-truffa komunement tiġi mqabbla mas-serq u ma' l-appropriazzjoni indebita bid-differenza bejn it-tliet reati konsistenti fil-mod ta' kif isir it-telf u l-korrispondenti qligħ.'*** [1]

L-insenjament ta' din is-sentenza jista' jkun applikat għall-fatti ta' dan il-każ. L-imputat kien jaf tajjeb li ma kellux fondi biżżejjed fil-kont u ħareġ xtara diversi oġġetti u ħareġ aktar minn ċekk wieħed. Il-vittmi kienu ngannati u kollha kellhom xi telf patrimonjali.

Għaldaqstant, il-Qorti, stante li l-elementi kollha ta' truffa huma preżenti f'dawn il-fatti, qed issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel imputazzjoni.

Dwar it-tieni u t-tielet imputazzjoni, minkejja t-trapass taż-żmien, ebda sentenza ma kienet ippreżentata għall-provi meħtieġa b'konnessjoni ma' dawn iż-żewġ imputazzjonijiet. Għaldaqstant il-Qorti qed tillibera lill-imputat mit-tieni u mit-tielet imputazzjoni.

**Konklużjoni.**

**Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 49, 50, 308 u 310(1)(b) tal-Kap 9 u 23(1) (a) tal-Kap 446 issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel imputazzjoni u qed tilliberah mit-tieni u mit-tielet imputazzjoni.**

[1] Il-Pulizija versus Emmanuele Ellul 20 ta' Ġunju 1997 Imħallef Onor.Vincent Degaetano LL.D. Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri)

Il-Qorti qieset is-sottomissjonijiet magħamula mid-difiża li xi wħud mid-debiti maħluqa mill-imputat diġa' tħallsu. Għalhekk, wara li rat l-artikolu 28A tal-Kap 9, qed tikkundanna lill-imputat għal piena ta' disa' xhur priġunerija li għandha tkun sospiża għal perjodu ta' tmintax-il xahar. Il-Qorti qegħda tobbliga lill-imputat li mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data ta' din is-sentenza jħallas il-pendenzi kollha li fadallu b'konnessjoni ma' dan il-każ u dan ai termini ta' l-artikolu 28H tal-Kap 9. Il-Qorti fissret l-artikolu 28A tal-Kap 9 fi kliem sempliċi lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------